# MALTA

## QORTI CIVILI
## PRIM'AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## SILVIO MELI

**LL.D.; Dip. Stud. Rel.; Dip. Can. Matr. Jur. & Proc.;**
**Cert. Jur. & H.R. (Strasbourg);**
**P.G. Dip. European Competition Law (King's College, London),**
**P.G. Dip. European Law (King's College, London).**

**Illum iz-17 ta' Novembru, 2016.**

**Rikors Numru 720/2013 SM**

**Mario (K.I. Numru 428043 M) u Lucienne (K.I. Numru 2013294 A) konjugi Tonna, Tabib Dr. Mark (K.I. Numru 417168 M) u t-Tabiba Dr. Federica (K.I. Numru 93278 M) konjugi Sant, Avukat Dr. Godfrey (K.I. Numru 482740 M) u Joan (K.I. Numru 173A) konjugi Gauci Maistre, Anthony (K.I. Numru 27047 M) u Moira (K.I. Numru 1025848 M) konjugi Grech Sant, George (K.I. Numru 384281 M) u Josette (K.I. Numru 289848 M) konjugi Magri, Leif (K.I. Numru 27253 A) u Dr. Maria (K.I. Numru 271964 M) konjugi Karlsson, u Carmel (K.I. Numru 0371151 M) u Antonina (K.I. Numru 628752 M) konjugi Chetcuti.**

**vs.**

**Justin Gambin**

Il-Qorti,

1.0. Rat ir-rikors guramentat  promotur datat il-25 ta' Lulju, 2013, li permezz tieghu, r-rikorrenti sintetikament esponew is-segwenti: (ara foll 1)

1.1. Illi r-rikorrenti lkoll jirrisjedu f' "*Whitehall Towers*", numru 165, Triq it-Torri, Tas-Sliema;

1.2. Illi l-intimat hu l-operatur ta' stabbiliment bl-isem ta' *"Surfside"* li jiffronteggja l-blokk t'appartamenti li fih jirrisjedu r-rikorrenti;

1.3. Illi fl-imsemmi stabbiliment tindaq muzika b'volum ezagerat u jsir kjass minn zaghzagh li jiffrekwentawh matul il-lejl;

1.4. Illi ghalhekk ir-rikorrenti huma impeduti mill-godiment liberu u shih tal-fondi rispettivi taghhom u mill-mistrieh;

1.5. Illi *nonostante* li l-intimat kien ikkundannat diversi drabi mill-Qorti tal-Magistrati ghall-istorbju u daqq ta' muzika, ma tantx  jidher propens li jirrispetta r-regoli tal-buonvicinat;

1.6. Illi ghadu sal-lum jarreka pregudizzju serju ghall-mistrieh tar-rikorrenti u tal-familji taghhom;

1.7. Illi ghalhekk aderew din il-qorti biex l-intimat ikollu l-possibbilita` jghid ghaliex din il-qorti m'ghandiex:

1.7.1. Tiddikjara u tiddeciedi li l-operat tal-istabbiliment tal-intimat fuq imsemmi qieghed jarreka molestja gravi u pregudizzjevoli ghall-mistrieh tar-rikorrenti u tal-familji taghhom;

1.7.2. Tikkundanna lill-intimat  jillibera  l-fondi tar-rikorrenti minn kwalunkwe molestja derivanti minn:

1.7.2.i. Daqq ta' muzika b'volum gholi, u

1.7.2.ii. Kjass ezagerat min-nies li jiffrekwentaw l-imsemmi stabbiliment;

okkorrendo billi jnehhi l-kawza ta' din il-molestja, taghti l-provvedimenti opportuni, inkluz il-komminazzjoni legali kollha;

1.7.3. Bl-ispejjez kontra l-intimat;

2. Rat id-digriet taghha datat it-2 t'Awwissu, 2013, li permezz tieghu appuntat l-istess rikors guramentat promotur ghas-smigh ghad-data hemm indikata, (ara foll 14);

3.0. Rat ir-risposta guramentata datata t-23 t'Awwissu, 2013, li permezz taghha l-intimat sintetikament irrisponda bil-mod segwenti: (ara foll 23)

3.1. Illi r-rikors guramentat promotur hu null *ai termini* tal-artiklu 789 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta *stante* li jikser id-disposizzjonijiet tal-artiklu 156(1) u (7), senjatament in-nuqqas ta' tifsira b'mod car tal-oggett tal-kawza f'paragrafi enumerati, nuqqas ta' dikjarazzjoni ta' liema fatti r-rikorrenti jaf bihom personalment, u n-nuqqas tal-kliem rikjest mill-artiklu 156(1) (d);

3.2. Illi l-istess rikors guramentat promotur hu wkoll null minhabba nuqqas ta' talba ghall-identifikazzjoni u determinazzjoni tal-oggett jew kawza tal-molestja allegata, liema nuqqas jirrendi t-tieni talba tar-rikorrenti incerta, mhux definita u kwindi, insosstenibbli;

3.3. Illi fil-mertu, t-talbiet tar-rikorrenti huma infondati;

3.4. Illi mhux minnu li l-istabbiliment *de quo* qieghed jirreka molestja gravi, insapportabbli, u pregudizzjevoli lir-rikorrenti;

3.5. Illi *di fatti*, l-istess stabbiliment qieghed jigi operat skont id-destinazzjoni tieghu;

3.6. Illi r-rikorrenti ghandhom jipprovaw l-allegazzjonijiet taghhom;

3.7. Salv risposti ulterjuri;

4. Rat il-verbal datat is-16 ta' Dicembru, 2013, li permezz tieghu l-abbli rapprezentant legali tal-intimat irtirat l-ewwel risposta tal-istess intimat, (ara foll 43, il-paragrafu numru tlieta punt wiehed, (3.1.), aktar qabel, u foll 23);

5. Rat id-digriet taghha datat il-11 ta' Mejju, 2016, li permezz tieghu, wara li l-abbli rapprezentanti legali tal-partijiet iddikjaraw li ma kellhomx aktar xhieda x'jipproducu, u fuq talba appozita tal-istess, awtorizzat lill-partijiet biex jittrattaw il-kawza bil-modalita` u fit-termini hemm indikati, (ara foll 288);

6. Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tar-rikorrenti datata s-16 ta' Mejju, 2016, (ara foll 291), flimkien man-nota ta' sottomissjonijiet tal-intimat datata l-20 ta' Gunju, 2016, (ara foll 296);

7. Semghet ix-xhieda prodotta;

8. Ezaminat id-dokumenti estensivi prodotti inkluzi d-dikjarazzjonijiet guramentati esebiti;

9. Hadet konjizzjoni tal-verbal tal-abbli rapprezentanti legali tal-partijiet datat it-28 ta' Gunju, 2016, li permezz tieghu l-abbli rapprezentanti legali tal-partijiet iddikjaraw li kienu qed jirrimettu ruhhom ghan-noti ta' sottomissjonijiet minnhom ipprezentati;

Ikkunsidrat:

10.0. Illi skont ir-rikorrenti, l-fatti li taw lok ghall-procedura odjerna jistghu jigu sintetikament elenkati bil-mod segwenti:

10.1. Illi r-rikorrenti jirrisjedu faccata tal-istabbiliment tal-intimat, (ara ritratti a foll 266 sa 268);

10.2. Illi l-istabbiliment in dizamina hu gestit mill-intimat, (ara foll 244);

10.3. Illi r-rikorrenti u l-familji taghhom jallegaw li ma jistghux jghixu bil-kwiet minn mindu l-intimat beda jiggestixxi l-istess stabbiliment, (ara foll 46, 47 u 58);

10.4. Illi wiehed mir-rikorrenti jsosstni li l-intimat ried jaghmel Paceville mit-triq tieghu billi jibda jdoqq il-muzika ghall-habta tal-10.00 ta' filghodu, specjalment fi tmiem il-gimgha, u jibqa' jdoqq sa xi s-2.00 jew l-4.00 ta' filghodu, (ara foll 46 u 58);

10.5. Illi tant tkun gholja l-istess muzika li lanqas thallih jikkoncentra fuq ir-ruzarju, (ara foll 47);

10.6. Illi rizultat ta' dan ir-rikorrenti jkunu kostretti jintavolaw rapport lill-Pulizija (ara foll 93 sa 240);

10.7. Illi *nonostante* r-rapporti indikati u l-proceduri kriminali mehuda, (ara foll 73 sa 89), id-daqq tal-muzika bil-*"loudspeakers"* baqa' jippersisti, (ara foll 46);

10.8. Illi l-intimat m'ghandux il-permess biex jaghmel dan sa daqshekk tard filghaxija, (ara foll 46);

10.9. Illi ghalhekk kellha tigi inoltrata din il-procedura;

Ikkunsidrat:

11.0. Illi skont l-intimat l-fatti jistghu jigu sintetikament elenkati bil-mod segwenti:

11.1. Illi l-fond *de quo* hu operat mis-socjeta` *"Surfside Limited"* u kien inghata lilha b'cens minghand il-Gvern biex toperah bhala *lido, restaurant u bar*, (ara foll 244);

11.2. Illi l-persuna ufficjalment licenzjata bhala *"licensee"* ghall-istess fond mal-Awtorita` Maltija tat-Turismu hu Jonathan Gambin, (ara foll 244 u 256), li jigi z-ziju tal-intimat, (ara foll 244);

11.3. Illi skont il-licenzja *de quo* l-istess fond jirrizulta li hu debitament suggett ghas-segwenti kundizzjonijiet;

11.3.1. Illi tista' tindaq muzika amplifikata sal-11.00 p.m. (ara foll 257);

11.3.2. Illi ma jkunx t'inkonvenjent lill-girien jew lill-pubbliku, (ara foll 257);

11.3.3. Illi l-ebda muziku li tindaqq fil-fond *de quo* ma tista' tinstema' minn barra, (ara foll 257);

11.3.4. Illi l-hanut gestit fl-istess fond li minnu ma jbighx xorb alkoholiku jista' jibqa' miftuh sas-1.00 a.m. (ara foll 256);

11.4. Illi l-istabbiliment *de quo* hu maqsum fi tliet (3) livelli, senjatament: (ara foll 244)

11.4.1. Dak ta' fuq nett hu *restaurant* ghall-apert;

11.4.2. Dak fil-livell tan-nofs hu *restaurant* iehor li jinsab fuq gewwa;

11.4.3. Dak mal-livell tal-bahar fih ukoll *"beach lido"*, fejn filghaxija fis-sajf jitpoggew sufanijiet u kuxxinetti fl-art ghall-frekwentaturi tal-istess stabbiliment;

11.4.4. Illi l-livell ta' hdejn il-bahar ikun maghluq fix-xitwa;

11.5. Illi l-istess intimat jafferma li jirrisjedi fil-blokk t'appartamenti adjacenti dak tar-rikorrenti, (ara foll 266 u 267), u jikkonferma li minn hemm ma jismax il-muzika u l-istorbju allegat mir-rikorrenti, (ara foll 245);

11.6. Illi *di fatti* hadd mill-girien tieghu fl-istess blokk t'appartamenti qatt ma ilmenta mieghu fir-rigward, (ara fol 245), *nonostante* li l-istess blokk hu aktar vicin l-istabbiliment in dizamina mill-blokk t'appartamenti fejn jirrisjedu r-rikorrenti, (ara foll 255 u 267)

11.7. Illi l-intimat jafferma li ma jhallix muzika gholja tindaq fil-*lido* t'isfel ghaliex tinstema' mir-*restaurant* li hemm fil-livell tan-nofs, (ara foll 245);

Ikkunsidrat:

12.0. Illi skont analisi xjentifika *ex parte* ta' inginier mekkaniku b'*Masters* minn *Brunell University* ta' Londra, jirrizulta sintetikament is-segwenti:

12.1. Illi l-intimat kien inkarigah janalizza l-livell tal-hsejjes hergin fl-istabbiliment in dizamina, (ara foll 282);

12.2. Illi biex jespleta l-inkarigu lilhu hekk moghti l-istess inginier mar fuq il-post u effettwa l-analisi tieghu minn diversi postijiet, (ara foll 259, 282 u 261 sa 263);

12.3. Illi l-post ezaminat kien il-*beach club* li qieghed fil-livell t'isfel nett tal-istess stabbiliment, (ara foll 260 u 282);

12.4. Illi matul il-gurnata dan il-*club* jintuza bhala "*beach club"*, mentri filghaxija jkun trasformat fi stabbiliment tal-intratteniment fejn il-muzika tkun l-akbar sors t'intratteniment, (ara foll 260);

12.5. Illi jafferma li l-ewwel li ghamel kien li jissigilla l-istabbiliment biex b'hekk ikun jista' jezamina l-hsejjes gejjin mit-triq, (ara foll 282);

12.6. Illi t-triq fejn hu sitwat l-istess stabbiliment hi wahda pjuttost biezla, (ara foll 282), jekk mhux wahda mill-aktar toroq utilizzati f'Malta, (ara foll 261);

12.7. Illi l-istess inginier ha l-analisi tieghu minn diversi akkwati u posizzjonijiet, (ara foll 283), kemm minn gewwa u minn barra, (ara foll 260);

12.8. Illi l-istess inginier wasal ghas-segwenti konkluzjonijiet:

12.8.1. Illi fit-triq in dizamina l-livell tal-hoss u storbju hu wiehed pjuttost gholi, (ara foll 264);

12.8.2. Illi l-livell tal-hoss u storbju generat minghajr muzika fl-istess triq hu ghola jew vicin il-livell ta' meta jkun hemm il-muzika fl-istabbiliment *de quo*, (ara foll 264);

12.8.3. Illi ghalhekk il-livell tal-hoss emanat mill-istabbiliment in dizamina, ma jaffettawx lill-girien li jirrisjedu fl-akkwati tal-istess fond, (ara foll 264 u 283);

12.8.4. Illi l-livell ta' hsejjes u storbju riskontrat hu fin-norma, (ara foll 265 u 283);

Ikkunsidrat:

13. Illi jigi rilevat f'dan l-istadju li l-abbli rapprezentant legali tal-intimat irtirat l-ewwel risposta preliminari taghha permezz tal-verbal taghha datat is-16 ta' Dicembru, 2016, (ara foll 43);

14. Illi ghalhekk din il-qorti mhix ser tiehu konjizzjoni aktar tal-istess;

Ikkunsidrat:

15.0. Illi fir-rigward tat-tieni risposta preliminari tal-intimat jinghad sintetikament is-segwenti:

15.1. Illi l-intimat hawn isosstni li t-talbiet tar-rikorrenti huma insosstenibbli *stante* li l-oggett tal-istess mhux definit, (ara foll 23);

15.2. Illi minn analizi tal-provi prodotti jirrizulta assodat li l-allegazzjoni tar-rikorrenti hi bbazata fuq l-allegat volum gholi u ezagerat ta' muzika, u fuq l-allegat kjass gej minn dawk li jiffrekwentaw il-fond in dizamina, li allegatament jikkawzaw inkonvenjent serju lir-rikorrenti;

16. Illi ghalhekk it-talbiet tar-rikorrenti ma jirrizultawx li huma ibbazati fuq premessi incerti, mhux definiti, u insosstenibbli kif sostenut mill-intimat, (ara foll 23);

17. Illi konsegwentement din it-tieni risposta preliminari tal-intimat ghandha tigi respinta;

Ikkunsidrat:

18.0. Illi fir-rigward tal-**meritu** ta' din il-procedura jinghad sintetikament is-segwenti:

18.1. Illi preliminarjament issir riferenza ghad-decizjoni tal-***Prim'Awla tal-Qorti Civili*** fl-ismijiet ***Gustu Debono vs. Emanuel Buhagiar*** datata l-***21 t'Ottubru, 2002***, li elenkat ir-regoli in materja b'dan il-mod:

> "... l-artiklu 320 tal-Kodici Civili jiddisponi illi "*il-proprjeta` hija l-jedd li wiehed igawdi u li jiddisponi minn hwejgu bil-mod l-aktar assolut..."* Dan id-dispost jissokta b'danakollu jzid il-frazi daqstant importanti: "*... basta li bihom ma jaghmilx uzu ipprojbit mill-ligi*"
>
> Jinghad fis-sentenza fl-ismijiet ***Padre Antonio Maria Buhagiar noe v. L-Onorevoli Reverendu Dr. Don Enrico Dandria noe. Appell Civili***, ***16 t'Awwissu, 1923***, ***Vol. XXV PI p. 617)***:
>
> *"Il-principio sancito all' articolo 14 Ord. VII del 1888", (korrispondenti ghall-artiklu 320 appena riferit)... "non ẻ altro che la fusion dei due principi del Diritto Romano quello, cio`, che il proprietario ẻ il 'moderator et arbiter rei suae'*, e l'altro che '*expedit enim rei publicae ne quis sua re male utatur*'".
>
> Tali principju hu rifless ukoll f'dak li jiddisponu l-artikli 1030, 1031 u 1032 tal-Kap 16 kif elokwentement jelabora t-trattist Ricci (Diritto Civile Vol. 2 Titolo II, Cap 1 para. 56 pp. 98 – 99): "La proprieta`, infatti, che consiste nel tuo e nel mio svanirebbe ove il mio ed il tuo non potessero co-esistere; ma perche` vi sia il mio e il tuo e` necessario che il mio non menomi il diritto altrui ed il limite imposto alla libera disponibilita`, allorche` un diritto si trova a fronte di altro diritto, derivano dal concetto stesso della proprieta`...";

18.2. Illi ssir referenza wkoll ghas-sentenza tal-***Qorti tal-Appell*** fl-ismijiet ***Emanuel u Lucy konjugi Mifsud vs. Victor Camilleri*** datata l-***15 ta' Dicembru, 2004***; li irriteniet is-segwenti:

> "M'hemmx dubju li l-proprjetarju ta'fond ghandu kull dritt li jaghmel uzu shih u kif jidhirlu, mill-fond tieghu. Mandankollu, dan l-uzu ghandu jsir bil-qies u gustament u cioe`, b'mod li ma jigix mahluq pregudizzju serju lid-dritt/drittijiet ta' haddiehor. Infatti, l-artiklu 1030 tal-Kodici Civili, (Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta), jghid hekk: "Kull min jaghmel uzu tal-jedd tieghu fil-qies li jmiss, ma jwegibx ghall-hsara li tigri b'dan l-uzu".
>
> Ghandu jinghad ukoll li huwa principju rikonoxxut kemm- il darba fil-gurisprudenza lokali li l-molestja ghandha tigi sapportata mill-gar/girien meta din ma tkunx gravi u cioe` meta din ma teccedix il-limiti tat-tolleranza, (ara l-kawza fl-ismijiet ***John Testa vs. Anthony Bruno et noe.*** deciza minn din il-qorti diversament komposta fit-***30 ta' Mejju, 1988***). Il-***Qorti tal-Appell*** diga kellha l-okkazjoni biex fil-kawza fl-ismijiet ***Pio Bezzina vs. Giacomo Galea***, deciza fis-***27 ta' Gunju, 1955***, *inter alia* tirritjeni hekk dwar l-argument in kwistjoni:
>
> "Jista' liberament jinghad li l-gurisprudenza taghna hija, f'din il-materja, f'dan is-sens: jigifieri li d-dritt tal-proprjetarju li juza u jiddisponi mill-haga proprja ghandu jigi kontemperat ma' dak tal-proprjetarji vicini; u kwindi, jekk il-molestja prodotta bl-ezercizzju ta' stabbiliment industrijali mhix gravi, jigifieri ma teccedix dak il-limiti ta' tolleranza li jikkostitwixxi l-vera mizura tal-obbligi tal-bon vicinat, ghandha tigi sofferta mill-vicin; imma jekk l-inkomdu jkun gravi, eccessiv u insapportabbli, jew ahjar mhux facilment tollerabbli, allura l-vicin jista' jezigi li jispicca, anki jekk ikun gej minn stabbiliment licenzjat, ghaliex il-licenzja ma tippregudikax id-dritt tat-terzi. U biex wiehed jiggudika jekk il-molestji prodotti

minn stabbiliment industrijali humiex jew le gravi, jigifieri mhux facilment tollerabbli, ghandu jzomm kont tac-cirkostanzi partikulari, billi f'kull kaz ghandu jiehu in konsiderazzjoni n-natura, l-pozizzjoni u destinazzjoni tal-postijiet, jekk, per ezempju, ikunx il-belt jew fil-kampanja, jekk fic-centru jew fil-konfini tal-belt, u jekk uzwalment f'dawk il-postijiet jigux ezercitati industriji simili ghal dawk li minhabba fihom isir il-lament, u, sa certu punt, il-pre-okkupazzjoni, jigifieri l-anterjorita` tal-pussess, u wkoll l-ispecjalita` tal-industriji, billi huma tollerabbli l-inkonvenjenti kagunati mill-ezercizzju tal-industrija, anki jekk jaghmlu hsejjes inerenti ghal xi stabbiliment li fih tkun necessarja jew utili, purke` dawk l-inkonvenjenti ma jkunux gravi;

B'tolleranza ghandha tiftiehem tollerabilita` fizika, medja u komuni. L-impressjonabilita` ghandha tkun dik ta' persuna sana";

18.3. Illi finalment issir riferenza ghall-***Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) (Gurisdizzjoni Superjuri)*** fis-sentenza taghha fl-ismijiet ***John u Mary Louise konjugi Bajada vs. Mario u Cynthia konjugi Camilleri*** datata l-***25 t'Ottubru, 2013***, li affermat is-segwenti:

"Per misurare la gravita` della molestia devesi riguardare non solamente alla natura, ma anche` alla posizione e sitwazioni dei fondi e alle anteriorita` del possesso". Illi "jekk imbaghad il-molestja tkun derivanti minn allegat abbuz ta' bon vicinat, il-vicin jista' jagixxi fuq moestja biss meta din tkun gravi u mhux facilment tollerabbli";

Ikkunsidrat:

19. Illi fid-dawl tal-gurisprudenza surriferita, ser issa jsir analizi fattwali biex jigi stabbilit jekk in effetti l-intimat jirrizultax li rreka xi molestja lir-rikorrenti kif minnhom allegat;

20. Illi ghalhekk jigi immedjatament ribadit li fid-dawl tal-istess ghandu jkun pacifiku li kemm ir-rikorrenti, kif ukoll l-intimat, ghandhom id-dritt li juzaw u jgawdu l-proprjetajiet rispettivi taghhom - ovvjament minghajr ma jirrekaw molestja kif fuq determinata lil xulxin;

Ikkunsidrat:

21. Illi mill-analizi tal-inginier *ex parte* jirrizulta li mill-ezaminijiet komparattivi minnu ezegwiti jikkonkludi li l-livell tal-hsejjes li johorgu mill-istabbiliment gestit mill-intimat huma fil-limiti permessibbli, (ara foll 265 u paragrafu numru tnax punt tmienja, (12.8.), aktar qabel), u ma kienux qed jaffettwaw il-vicinanzi, (ara foll 283);

22. Illi jirrizulta li tali konkluzjoni irrizultat wara li l-istess inginier ikkonstata l-livell ta' hoss waqt li l-muzika fl-istess stabbiliment kienet miftuha kompletament, (ara foll 283);

23. Illi ghalkemm ir-rikorrenti jsosstnu li r-rapport *de quo* "ma jistax jittiehed bid-dovut serjeta` meta l-ispezzjoni u l-verifiki kienu ristretti ghal gurnata wahda biss, (2 ta' Lulju, 2010)" (ara foll 291), jibqa' l-fatt li meta saru l-ezamijiet tal-livell tal-hsejjes in dizamina, dawn saru meta l-apparat uzat ghall-muzika kienet fil-massimu tal-amplifikazzjoni tieghu, (ara foll 283), liema amplifikazzjoni jibqa' fl-istess livell, imur kemm imur hemm l-inginier in dizamina, jibqa' l-istess;

Ikkunsidrat:

24. Illi jirrizulta wkoll li s-sit fejn hu sitwat l-istabbiliment hi triq pjuttost storbjuza, traffikuza u frekwentatissima;

25. Illi in effetti l-inginier *de quo* jghid bi kjarezza li:

> "Mill-analizi li ghamilt ikkonkludejt li mill-hsejjes tal-madwar kien(u) gholjin bizzejjed li l-hsejjes generati mill-istess stabbiliment in dizamina ma kienx qed jaffettwa l-vicinanzi", (ara foll 283 u 264);

26. Illi *di piu`*, isosstni wkoll li:

> "...fir-*readings* illi hadt jiena qsamt it-triq ... min-naha tan-nies illi joqghodu fl-akkwati. Fil-*units* tal-blokok partikolari ... ma dhaltx. Pero` ninforma lill-qorti illi peress illi l-livell ta' hsejjes fit-triq hi diga gholja minna nnifisha kkonkludejt illi l-hsejjes mill-istabbiliment mhux qed jaffettwa l-girien ghaliex it-triq kienet hafna aktar attiva mill-hsejjes generati mill-istabbiliment, (ara foll 283);

Ikkunsidrat:

27.0. Illi minn ezami tad-dokumenti esebiti jirrizulta li saru kwantita` sproporzjonata ta' rapporti lill-pulizija distrettwali fir-rigward, senjatament:

27.1. 33 rapport mir-rikorrenti Gauci Maestre;

27.2. 23 rapport mir-rikorrenti Tonna;

28.0. Illi *di piu`* jirrizulta wkoll li mill-fedina penali tal-intimat jirrizulta s-segwenti: (ara foll 73 *et sequitur*)

28.1. 18 il-kundanna tal-Qorti tal-Magistrati;

28.2. L-ahhar kundanna tirrizulta datata t-18 ta' Novembru, 2014, (ara foll 89);

Ikkunsidrat:

29. Illi ghalhekk ghandu jirrizulta pacifiku li ghalkemm jirrizulta li l-intimat kien instab responsabbli talli mill-istabbiliment *de quo* kien sar l-istorbju in dizamina pero` dan jirrizulta li kien okkazjonali, infrekwenti u irregolari, meta ipparagunat mar-rapporti inoltrati mir-rikorrenti fil-konfront tieghu;

30. Illi in vista tal-istess, in vista tal-gurisprudenza fuq riferita, l-molestja riskontrata ghandha tigi issaportata peress li ma jistax jinghad li hi wahda gravi u eccessiva, anke wkoll ghaliex fic-cirkostanzi partikolari fejn jinsab is-sit *de quo* dan jintuza

limitatament fix-xhur tas-sajf u t-triq fejn hu lokalizzat tiggenera hsejjes daqs u aktar mill-istess fond;

31. Illi ghalhekk l-istess molestja riskontrata ma tmurx oltre l-limitu tat-tolleranza tal-bon vicinat fuq riferit;

**DECIDE:**

32.0. Illi in vista tal-premess din il-qorti hi sodisfatta li r-rikorrenti naqsu li jipprovaw it-talbiet taghhom skont il-ligi, u konsegwentement:

32.1. Filwaqt li takkolji t-tielet (3) u r-raba' (4) risposta tal-intimat;

32.2. Tirrespingi t-talbiet kollha tar-rikorrenti;

32.3. Bl-ispejjez kontra r-rikorrenti.

__________________________

Onor. Imhallef Silvio Meli

**DECIZJONI FINALI**